**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 12 ta' April, 2016**

**Citazzjoni Nru: 1016/2015 AF**

**Avukat Dr. Tiziana Micallef bhala mandatrici specjali ta' Rita O'Hara, John Vella, Mary Thompson ilkoll ahwa u eredi tal-mejtin Salvatore Vella u Rosaria Vella neé Seisun;**

**Francesca Vella, Mary Grace sive Marion Vella, Lorraine Vella eredi tad-decujus Anthony Vella bin il-mejtin Salvatore Vella u Rosaria neé Seisun; u**

**Clotilde Josephine Vella eredi tal-mejjet Charles Vella bin il-mejtin Salvatore Vella u Rosaria neé Seisun**

**vs**

**Kuraturi Deputati sabiex jirraprezentaw lill-assenti Charles Anthony Vella bin Charles Vella u Carol Jean Bryant u li b'digriet tal-Qorti tal-20 ta' Novembru 2015, l-Avukat Dr. Christopher Chircop LL.D u l-P.L. Davina Sullivan gew mahtura Kuraturi Deputati biex jirrapprezentaw lil Charles Anthony Vella bin Charles Vella u Carol Jean Bryant**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat tal-Avukat Dr. Tiziana Micallef bhala mandatrici specjali ta' Rita O'Hara, John Vella, Mary Thompson ilkoll ahwa u eredi tal-mejtin Salvatore Vella u Rosaria Vella neé Seisun;

Francesca Vella, Mary Grace sive Marion Vella, Lorraine Vella eredi tad-decujus Anthony Vella bin il-mejtin Salvatore Vella u Rosaria neé Seisun; u

Clotilde Josephine Vella eredi tal-mejjet Charles Vella bin il-mejtin Salvatore Vella u Rosaria neé Seisun, tas-27 ta' Ottubru 2015, li permezz tieghu, wara li gie premess illi:

Salvatore u Rosaria konjugi Vella kellhom hamest itfal u cioé Rita O'Hara, John Vella, Mary Thompson, Charles Vella u Anthony Vella kif muri fl-arblu genealogiku anness u mmarkat bhala 'Dok. A'.

Salvatore Vella kien il-proprjetarju tal-fond bin-numru hamsin (5) sitwat fi Triq is-Sienja, Kalkara liema proprjetà Salvatore Vella kien wiret minghand huh Paul Vella li miet fis-sena 1967 kif muri fid-dikjarazzjoni annessa u mmarkata 'Dok. B'.

Salvatore Vella miet ab intestato fid-19 ta' Dicembru tas-sena 1968 u ghaldaqstant il-wirt tieghu ghadda fuq martu Rosaria neé Seisun u fuq il-hames uliedu hawn fuq imsemmija kif muri fid-denunzja tas-successjoni annessa u mmarkata bhala 'Dok. B'.

Rosaria Vella neé Seisun mietet fis-7 ta' Jannar tas-sena 1975 u permezz ta' testment fl-atti tan-Nutar Giovanni Carmelo Chappelle datat sittax (16) ta' Dicembru 1968, Rosaria Vella innominat eredi universali taghha lil binha Joseph Vella u l-legittima dovuta lil uliedha l-ohra kif muri fid-dokument anness u mmarkat 'Dok. C'.

Joseph Vella miet fil-hdax (11) t'Awwissu tas-sena 2012 kif muri fid-dokument anness u mmarkat bhala 'Dok. D' u b'testment fl-atti tan-Nutar Dottor Rosella Sciberras datat

sbatax (17) ta' Settembru 2009, innomina bhala eredi universali tal-gid tieghu lil ohtu Mary Thompson kif muri fid-dokument anness u mmarkat bhala 'Dok. E'.

Fit-tlettax (13) ta' Dicembru tas-sena 2008 miet Anthony Vella kif muri fid-dokument anness u mmarkat bhala 'Dok. F'.  Huwa miet ab intestato kif muri fid-dokument anness u mmarkat bhala 'Dok. G' u l-wirt tieghu ghadda fuq martu Frances Vella u z-zewg uliedu Lorraine Vella u Mary Grace Vella.

Carmelo Vella miet snin ilu kif konfermat fid-dokument anness u mmarkat bhala 'Dok. H' u halla bhala eredi lil uliedu Charles Anthony Vella u Clotilde Josephine Vella.

In vista tas-suespost Rita O'Hara, John Vella, Mary Thompson, Francesca Vella, Mary Grace sive Marion Vella, Lorraine Vella, Clotilde Josephine Vella u l-assenti Charles Anthony Vella huma kopropjetarji tal-fond cioé d-dar ufficjlament mmarkata bin-numru hamsin (50) sitwata fi Triq is-Sienja gewwa l-Kalkara, inkluz l-arja sovraposta u sottopost il-proprjetà, liberu u frank bi drittijiet u l-pertinenzi kollha tieghu, u bil-pussess battal garantit.

Dan il-fond ilu in komun bejn ir-rikorrenti 'l fuq minn ghaxar (10) snin.  Tali komunjoni bdiet mid-data tal-mewt ta' Saviour u Rosaria konjugi Vella.

Ir-rikorrenti sabu l-bejgh tal-proprjetà surreferita u fil-fatt kollha ftehmu dwar il-bejgh tal-imsemmi fond tant li dahlu f'konvenju kopja ta' liema hija annessa u mmarkata bhala 'Dok. I', salv ghal intimat Charles Anthony Vella illi kien jghix l-Awstralja u nonostante diversi tentattivi sabiex jinstab dan baqa' ma nstabx kif muri fl-affidavits u dokumenti relattivi ohra annessi u mmarkat bhala 'Dok. J'.

Dan il-bejgh mhux ta' pregudizzju ghal intimat li huwa assenti stante li huwa skond is-suq.

Intalbet din il-Qorti biex:

1. Tawtorizza li jsir bejgh skond it-termini tal-konvenju tas-sebgha (7) ta' Settembru 2015 u li sussegwentement gie mgedded fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Settembru tas-sena 2015.

2. Tiffissa jum, hin u lok fejn ghandu jsir il-bejgh tal-fond surreferit ai termini tal-konvenju jew alternattivament skond il-kondizzjonijiet imposta minn dina l-Onorabbli Qorti.

3. Tinnomina lin-Nutar Dottor Bartolomeo Micallef sabiex jippubblika l-att pubbliku relattiv u tinnomina kuraturi deputati, sabiex jirrapprezentaw lil min mill-komproprjetarji jonqos milli jidher ghall-att finali.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat id-digriet tal-Qorti diversament presjeduta li permezz tieghu gew mahtura Dr. Christopher Chircop u l-P.L. Davina Sullivan bhala kuraturi biex jirrapprezentaw lil Charles Anthony Vella.

Rat ir-risposta guramentata ta' Dr. Christopher Chircop u PL Davinia Sullivan li permezz taghha huma wiegbu illi:

L-esponenti mhumiex edotti mill-fatti u ghalhekk qeghdin jirrizervaw id-dritt li jipprezentaw risposta motivata f'kaz u jekk jigu edotti mill-fatti.

Rat ir-rapport tal-Perit Matthew Gauci minnu konfermat bil-gurament, liema rapport jinsab esibit in atti a fol. 128.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi l-Art. 495 tal-Kap. 16 jipprovdi testwalment illi:

*"**495.** (1) Kull komproprjetarju għandu l-proprjetà sħiħa tas-sehem tiegħu u tal-qligħ jew frottijiet ta' dak is-sehem.*

*(2) Hu jista' jittrasferixxi, iċiedi, jew jipoteka dan is-sehem kif*

*irid, u jista' wkoll, bla ħsara tad-disposizzjonijiet tal-artikolu 912, iqiegħed floku lil ħaddieħor fit-tgawdija ta' dak is-sehem, basta li ma jkunux jidħlu jeddijiet persunali:*

*Iżda, l-effett tat-trasferiment jew tal-ipoteka jillimita ruħu għal dak is-sehem li jmiss lill-komproprjetarju fil-qasma.*

*(3) Meta l-werrieta f'xi wirt jibqgħu jżommu in komun bejniethom, proprjetà li tkun ġejja mis-suċċessjoni għal iżjed minn għaxar snin u ma tkun ittieħdet ebda azzjoni quddiem xi qorti jew tribunal ieħor għall-qsim tal-proprjetà fi żmien għaxar snin mill-ftuħ tas-suċċessjoni u l-ishma tal-werrieta fl-imsemmi wirt ikunu l-istess fuq l-assi kollha tal-wirt, kull wieħed mill-komproprjetarji għandu jitqies li jkun komproprjetarju ta' kull ħaġa f'dik il-proprjetà hekk miżmuma in komun:*

*Iżda dan is-subartikolu ma għandux japplika:*

*(a) meta l-proprjetà miżmuma in komun tkun soġġetta għal xi dritt ta' abitazzjoni, użu jew użufrutt, għal dak iż-żmien li fih ikun fis-seħħ dak id-dritt; jew*

*(b) meta l-proprjetà miżmuma in komun tkun tikkonsisti fi proprjetà li mill-istess natura tagħha tkun trid bilfors tinżamm indiviża; jew*

*(ċ) meta l-persuni li jkunu qed iżommu in komun il-proprjetà li tkun ġejja mis-suċċessjoni jiftehmu 'lkontra:*

*Iżda wkoll il-perjodu ta' għaxar snin imsemmi f'dan is-subartikolu għandu jiddekorri flimkien mal-perjodu ta' għaxar snin imsemmi fl-artikolu 495A(1), u jitqies bħala ħaġa waħda miegħu."*

Il-kundizzjonijiet imposti mill-fuq citat artikolu tal-ligi jinsabu sodisfatti, kif jirrizulta mid-dokumenti kollha esibiti.

Fic-cirkostanzi, ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:

i) tilqa' l-ewwel talba kif dedotta u tawtorizza l-bejgh tal-fond 50, Triq is-Sienja, Kalkara skond il-konvenju datat 7 ta' Settembru 2015 kif sussegwentement imgedded;

ii) tiffissa ghal dan l-iskop id-data tal-4 ta' Mejju 2016 fil-11.00 ta' filghodu;

iii) tilqa' t-tielet talba u tahtar lin-Nutar Bartolomeo Micallef biex jippubblika l-att relattiv.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu mill-partijiet skond il-kwoti rispettivi taghhom fil-proprjetà.

IMHALLEF

DEP/REG